MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 980/2003

**Joseph u Anna konjugi Duca**

**vs**

**Joseph Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Mejju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-atturi bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta' Dicembru, 2002, ghall-habta tad-9.40a.m. gewwa Triq Tas-Sliema, Gzira, bejn il-vettura propjeta` ta' l-atturi bin-numru ta' registrazzjoni DAC-726 misjuqa minn Anna Duca u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBH-589 misjuqa mill-konvenut liema incident sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-**

**osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 31 ta' Marzu, 2003 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici Montaldo Insurance Agency Ltd bhala agenti tas-socjeta` American Home Insurance u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-avviz sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fil-11 ta' Gunju, 2003, li fiha intqal:**
**i. illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-incident ;**
**ii. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi ma sofrew l-ebda hsara fl-incident de quo u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ;**
**iii. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa wkoll kontestat ;**
**iv. Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Ra l-verbal tas-16 ta' Ottubru, 2003, fejn id-difensur tal-konvenut iddikjarat li mhux qed tikkontesta l-punt dwar ir-responsabilita` ta' l-incident in kwantu ghall-incident kien jahti l-konvenut, pero` kienet qed tikkontesta d-danni.**

**Semgha x-xhieda ta' PC 1592 Daniel Busuttil, Anna Duca, Joseph Zammit u John Coleiro. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Kif gie dikjarat mid-difenur tal-konvenut ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li ghall-incident in kwistjoni kien jahti l-istess konvenut.**
**2. Jirrizulta li l-kollizzjoni kienet pratikament bumper ma' bumper.**

**3. Il-konvenut fix-xhieda tieghu jidher li jimminimizza dak li gara billi jghid illi kull ma gara kien li missilha ftit il-bumper. Sabiex jikkorrobora il-verzjoni tieghu, il-konvenut tella bhala xhud lil John Coleiro li qal li ma ra ebda hsara fil-vettura hlief ghal dak li jiddesrivi bhala « tikk » fuq il-bumper. It-Tribunal ma hux konvint bix-xhieda tal-konvenut u lanqas ta' siehbu Coleiro. It-Tribunal jinnota l-mod legger li bih xehed l-istess konvenut meta dan qal : « Ma kien hemm ebda danni fuq il-vetturi tat-tnejn li ahna, u kulhadd telaq ghall-rasu. » Fil-fatt kif jirrizulta mill-okkorrenza ma hu minnu xejn li kulhadd telaq ghall-rasu, u li jidher li kienet qabel piuttost kommozzjoni minhabba l-incident.**
**4. L-attrici da parti taghha gabet bhala prova ritratti li juru l-hsara li kellha l-vettura taghha, cioe` kien hemm qsim fil-bumper ta' wara, kif ukoll brix fuq l-istess bumper. Is-survey report esebit a Fol.34 jitkellem car dwar id-danni li kien hemm, kif ukoll id-dokumenti li esebiet Dok.MG1 u MG2. Dawn id-dokumenti jindikaw li kien hemm Danni ammontanti ghall-mija u hamsa u sebghin lira. Ghalhekk is-somma ta' mija u hamsin lira reklamata hija tassew gustifikata.**

**Ghaldaqstant, peress illi ghall-incident de quo kien jahti unikament il-konvenut, u peress irrizulta li tassew l-atturi sofrew d-danni reklamati, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00) bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' Mejju, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 31 ta' Marzu, 2003 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikuratrici Montaldo Insurance Agency Ltd bhala agenti tas-socjeta` American Home Insurance, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------